MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 529/2010

**Joseph Caruana (K.I. 700750M)**

**Vs**

**Paul Cutajar (K.I. 173561M) u martu Francesca Cutajar (K.I. 677662M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tal-attur pprezentat fit-23 t' April, 2010 fejn ippremetta:

Illi r-rikorrenti jitolbu li l-intimati jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' tlett elef erba' mija u disghin Ewro (€3,490) rapprezentanti l-prezz ta' xoghol ghat-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAV 065 proprjeta' tal-intimati liema xoghol sar fuq inkarigu tal-intimati stess, u l-prezz ta' liema ghadu mhux imhallas.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sal-pagament effettiv, kollox kontra taghhom minn issa ngunt ghas-Subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti datata 24 ta' Gunju, 2010 fejn eccepixxew illi:

L-ammont mitlub mhux dovut stante li huwa 'nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-raguni segwenti:

1. Illi l-parts ghat-tiswija tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAV 065 inxtraw mill-esponenti u mhux mill-attur u ghalhekk l-ebda ammont ghall-istess parts mhu dovut.

2. Illi fir-rigward il-prezz tat-tiswija tal-imsemmija vettura, l-ammont pretiz mill-attur huwa esagerat.

3. Illi l-attur zamm l-imsemmija vettura ghandu biex isewwiha ghal sentejn u nofs, bir-rizultat li l-esponenti ghamlu telf sostanzjali ta' qliegh mix-xoghol li ghalih tintuza l-istess vettura u kienu kostretti li jixtru vettura ohra biex ikunu jistghu jkomplu x-xoghol taghhom.

Ra x-xhieda kollha;

Ra l-atti kollha;

Ra il-verbal tas-17 ta' Marzu, 2015 li bih thalliet ghas-Sentenza ghal-lum.

Bil-proceduri odjerni l-attur qed jitlob lill-konvenuti konjugi Cutajar jigu kkundannati jhallsuh is-somma ta' tlett elef erba' mija u disghin Ewro (€3,490) rapprezentanti l-valur ta' xoghol fuq *scammel.*

Illi l-kontestazzjonijiet fit-talba odjerna hija li l-ammont mitlub huwa eseagerat u li minhabba l-fatt illi l-attur zamm il-vettura ghandu ghat-tiswija ghall-sentejn tilef qligh sostanzjali ghaliex din il-vettura kienet *scammel* u ghalhekk vettura ghax-xoghol ta' gbir ta' skart u l-konvneut kellu juza vettura ohra.

**Joseph Caruana** kkonferma li ghandu workshop fejn jaghmel manutenzjoni ta' vetturi. Darba minnhom Paul Cutajar kien gablu *scammel* biex jissewwa. It-tiswijiet kienu tiswijiet tal-partijiet tal-hadid fuq wara tat-trakk u l-kabina fuq gewwa. Qatt ma tah stima peress illi ma kienx jaf x'ser jinvolvi x-xoghol.

Fl-affidavit tieghu qal li huwa jaghmel dan ix-xoghol ta' mekkanik u ta' panel beater *part-time* ossia fil-hin liberu tieghu. Lil Paul Cutajar kien hadimlu xoghol fuq diversi scammels. Darba minnhom gie bi scammel li kellu l-kaxxa fuq il-parti ta' wara imcarrat u ma setghax jbattal l-iskart kollu. Kellu ghalhekk ibiddel il-qiegh kollu u sahansitra parti mill-bieba ta' wara. Kien gie 'nkarigat biex idur il-kabina tat-trakk u jekk hemm bzonn ibiddel xi affarijiet ibiddilhom ukoll. Kien hemm hafna xoghol u kien jinforma lill-konvenut meta kien ser jaghmel xi haga gdida.[1] Infatti meta fl-ahhar kien lesta x-xoghol it-trakk gie kwazi gdid. Qatt ma tkellmu u ftehmu fuq zmien. L-uniku ftehim li kellhom kien bil-fomm u kienu qablu li kien il-konveut li ser jgib il-parts. Meta kellu bzonn xi part kien jikkuntattja lilu jew lil huh Salvu. Kien hemm problema li Paul kien idum hafna biex jgiblu l-parts. Kien jibghatlu sabiex jitkellem fuq il-parts u x'kellu bzonn u lanqas biss kien jinzel hdejh u ghalhekk kienet damet it-tiswija. Qatt ma staqsieh meta kien ser jaghtih it-trakk lura kien jhalli f'idejh. Meta kien lesta kien hemm huh ghandu u kien infurmah li kien lest u setgha jiehu l-iscammel, kien baghtlu l-kont ukoll. Salvu kien qallu li kien ser jhallsu sal-Hadd pero' qatt ma rega tfacca. Il-kont ma kienx gholi ghaliex kien ha 'n konsiderazzjoni l-fatt li kien hadlu xoghol qabel. Qatt ma qallu li ma kiex ser ihallsu l-ewwel kien qalu li kien se jbiegh il-majjali u l-baqar kien anke offrilu d-deheb pero ma kienx accetta. Il-mara tieghu qaltlu fil-prezenza ta' Antoinette Caruana, l-mara tal-

[1] Ara list a fol 25 Dok B

attur, meta marru d-dar tieghu li ma kellhomx flus biex jhallsuhom u li kienu ser jbieghu l-annimali pero` qatt ma thallas.[2]

Xehed **Salvu Cutajar** hu l-konvenut li ddikjara illi huh ha l-iscammel ghand l-attur ghat-tiswija u li hu ukoll kellu trakk hemm. Kien immur ta' spiss hdejn l-attur biex jsegwi x' kien qed jaghmel l-attur. Jiftakar lil huh jghid lill-attur biex ma jdumx bit-tiswijiet ghaliex riedu ghax-xoghol. Huh kien jixtri l-parts hu stess u infatti qal li ma tantx kien hemm bzonn affarijiet. Darba minnhom l-attur kien talab li jixtrulu pompa tal-ilma u kien hu stess xi jumejn wara li haddielu. Kien hemm hadid mhux xi haga partikolari u dawn kien rahhom hu stess hdejn l-iscammel ghall-perjodu twil. Bil-gurament tieghu qal li dan dam hafna ma jaghmel it-tiswsjiet li ma damx jaghmel huwa li jzarma l-iscammel ghalhekk ma kienx hadu ghand xi haddiehor ghaliex ma setghax ghaliex kien kollu zarmat. Bejn wiehed u iehor kien imur darba fix-xahar ghand l-attur – mar xi ghaxar darbiet u darbtejn biss rah jahdem fuq l-*iscammel.*

*"Gieli kien hemm drabi fejn jien mort ma' hija ghand Caruana. Meta hija kien isaqsieh f'hiex kien wasal ix-xoghol dan kien jipprova jaghti lill-hija x'jifhem li qed jahdem fuq l-iscammel izda fil-verita` kollox kien juri li xoghol fuqu ma kienx qed isir jew inkella kien qed jahdem fuqu ftit wisq ghax kollox kien qisu jibqa' kif kien."*

Skont ix-xhud daqs kemm l-attur dam sejjer bit-tiswijiet li huh kellu jixtri scammel iehor ghax-xoghol.

*"Li naf ukoll hu li f'dawn l-ahhar snin, Caruana kien qed idum hafna biex jaghmel it-tiswijiet ghax ma kienx qed ilahhaq max-xoghol kemm ghax jahdem fir-raba' u ghax kull min imur ghandu ghal xi tiswija qatt ma jghidlu le. Fil-fatt kemm il-darba rajt lill-Caruana jahdem fuq it-trakkijiet ta' nies ohra minkejja li dawn kienu ttiehdu ghandu wara tieghi u ta' hija. Mhux ta' b'xejn li jiena u hija domna daqstant zmien biex titlesta tiswija li ma kellhiex tiehu daqstant zmien kemm dewwiemna hu!"*

[2] Ara konferma ta dan a fol 24

Xehed **Paul Cutajar** li qal li kien iddecieda li jiehu t-trakk ghat-tiswija ghaliex kellu hsara (a) fil-parti t'isfel tal-*hopper* u ghalhekk ma setghax jahdem bih u (b) kien hemm sadid fil-kabina ukoll. Qatt ma tkellmu fuq il-prezz tat-tiswija. Kien ghamel premura pero` li kellu bzonn it-trakk ghax-xoghol. Il-*parts* ftehmu li jixtrihom u jgibhomlu hu infatti dawn kienu pjanci tal-hadid 'zewg angle irons', bicciet tal-injam tal-fagu u zewg tuzzani viti.

*"Jiena ghamiltlu premura li kelli bzonn it-trukk fix-xoghol tieghi u ghalhekk tlabtu sabiex isewwiehuli minghajr dewmien. L-attur, fil-fatt, talabni ngiblu l-parts li kien jehtieg u jiena hekk ghamilt mal-ewwel. Il-parts kienu jikkonsistu f'erba pjanci tal-hadid ghall-qiegh, zewg angle irons ghall-gnub fejn kellhom jaqbdu l-pjanci, bicctejn injam tal-fagu biex jigru r-rails fuqhom tad-dahar u zewg tuzzani viti. Nispjega wkoll li jiena kelli zewg (2) mudguards tal-kabina u jien dawn haddhomlu wkoll. Jiena kkonsenjajt dawn il-parts kollha lill-attur appena qalli u dan wara xi sena li jiena kont gia tajtu t-trukk ghat-tiswija".*

Kien immur ghandu u anke l-lavrant tieghu biex ihegguh. Darba minnhom kien qalilhom li kellu jieqaf ghaliex qabdu mieghu tal-VAT ghliex kien regsitrat bhala bidwi *full-time*. Kien qed ikollu problemi mal-Kunsill Lokali tal-Birgu, l-Isla u l-Kalkara ghaliex kien qed jittardja bil-gbir tal-iskart minhabba l-fatt li ma kellux bizzejjed trakkijiet. Infatti l-Kunsill Lokali tal-Birgu kienu zammulu ammont sostanzjali ta' flus u ghad hemm kawza ghaddejja. Kien ghalhekk li kien xtara trakk iehor u kien mar mieghu l-istess attur biex jivverifika jekk kienx fi stat tajjeb u kien sahasitra ghamillu xi xoghol fuqu. Kien wara erba' (4) snin li tah it-trakk lura.

Ikkontesta illi t-trakk kien gdid fjamant u wkoll li kien hemm hsarat konsiderevoli. Iddikjara illi ma hallasx l-ammont mitlub ghaliex kien jinkludi ukoll il-*parts* li kien hu stess li xtara.

Xehdet **Francesca Cutajar** li kkontestat li qatt ammettiet mal-attur u martu li kienu dovuti l-ammonti u wisq aktar illi r-ragel taghha kien ser jbiegh l-annimali biex jhallashom. Anzi ddikjarat illi hi kienet separata defacto minn mar-ragel dak iz-zmien u li llum separata minnu permezz ta' kuntratt. Illi fic-cirkostanzi peress illi ma kienet taf b' xejn u lanqas tifhem fil-vetturi zgur ma kinitx ser tghid dak il-kliem. Li kienet taf huwa illi t-trakk kien dam hafna ghand l-attur u anke li l-parts kien jixtrihom l-ex zewgha ghaliex dik kienet il-prassi meta kien jiehu trakk ghat-tiswija. Sahansitra kienet darba minnhom hadet il-*parts* hi stess.

Xehed **Joseph Farrugia** li kkonferma illi hu kien prezenti meta ha t-trakk ghand l-attur ghat-tiswija u kien qallu li kienet urgenti. Kien hadlu l-pjanci hu stess. Ikkonferma illi ta' spiss ma kienx jkun il-garaxx ghaliex kien qed jahdem fir-raba. Ikkonferma illi kien wara sena li x-xoghol kien impossibili u ghalhekk kellhom jixtru trakk iehor. Tawwal erba' snin. Il-parts kollha kienu ghandu fl-ewwel sena. Minhabba d-dewmien eccessiv naqas ix-xoghol u infatti kellu jfittex xoghol band'ohra. Jaf ukoll li kien tilef it-*tenders* minhabba l-fatt li ma kellux bizzejjed trakkijiet biex jaghmel ix-xoghol.

**Ikkunsidra:**

Illi f'din il-kawza si tratta di hlas ghat-tiswijiet ta' vettura *(scammel* jew trakk tal-gbir tal-iskart) u *parts*. Illi fil-verbal tas-27 ta' Ottubru, 2010 l-attur talab li jitnehha l-kelma *parts* mill-avviz pero` l-ammont mitlub baqa' l-istess. Illi hareg illi qatt ma kien hemm ftehim dwar prezzijiet u qatt ma ntalab jew inghata stima. Illi lanqas kien hemm ftehim jew informazzjoni dwar zmien. Min-naha tieghu pero' l-konvenut jghid li kien ghamel premura illi l-vettura tinghata lura fl-aktar fiss u dan peress illi l-konvenut kien juzah ghax-xoghol u kellu bzonnu . Illi infatti skont hu minhabba d-dewmien kellu jixtri vettura ohra, illi l-attur kien mar mieghu biex jevitalu aktar problemi. Illi fil-kontro talba jghid illi kien dam sentejn u nofs pero` l-konvenut jghid li dan tlesta wara erba' snin. [3] Hareg illi kien wara erba' snin li tah il-vettura.

[3] A fol 33 u ara xhieda ta' Joseph Farrugia a fol 46

Min-naha l-ohra l-attur ma nnegax li dam pero` jghid illi dan kien ghaliex il-vettura kellha hafna tiswijiet u anke li l-konvenut kien idum biex jgiblu l-*parts*. Dan gie kkontestat kemm mill-konvenut u anke minn huh u l-lavrant tieghu. Illi anzi l-konvenut qal li l-attur kien qed jkollu problemi kemm mal-VAT ghaliex ma kienx registrat bhala mekkanik u kif ukoll kien jaqbad xoghol ta' terzi.

Illi anke meta gie ghall-kont dan huwa kkontestat bhala wiehed esagerat u anke hawn jidher illi hemm konflitt ghaliex skont l-attur dan qatt ma kien kkontestat imma anzi kien dejjem jghidlu ser jhallsu, sa fl-ahhar qallu li ma kellux bizzejjed flus.

It-Tribunal meta ghandu quddiemu kunflitt ta' provi quddiem irid jara fuq bilanc ta' probabilitajiet lil minn ser jemmen: F' **"Farrugia vs Farrugia"** (P.A. - 24 ta' Novembru, 1966) fejn intqal li:-*"l-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant".*

Fil-kawza fl-ismijiet **"George Bugeja vs Joseph Meilak"** (P.A. (TM) - 30 ta' Ottubru, 2003) inghad illi:- *"Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli".*

Illi m'huwiex kontestat illi t-trakk dam tul ta' zmien ghand l-attur. Illi ukoll ma kinitx vettura normali imma wahda li tintuza ghax-xoghol u li ghalhekk huwa car li l-konvenut kellu bzonnha ghax-xoghol. It-Tribunal ihoss illi dan huwa zgur zmien twil ghall-vettura normali

ahseb u ara ghall-vettura li wiehed ghandu bzonnha ghax-xoghol. Illi t-Tribunal jinotta ukoll illi l-attur qatt ma pprezenta kont formali jew brejkdown ipprezenta biss lista ta' xoghlijiet a fol 25. Illi min-naha l-ohra ghalkemm hemm kontestazzjoni li l-ammont kien esagerat ma hemm ebda evidenza biex twassal lit-Tribunal ghal din il-konkluzjoni u lanqas hemm provi ta kwantifikazzjoni ta' danni. Illi minkejja dak li stqarr l-Avukat fit-trattazzjoni ma kienx hemm bzonn ta' provi dwar il-fatt li kien il-konvenut li xtara l-parts ghaliex din giet accettata fis-seduta tas-27 t'Ottubru u ghalhekk din il-parti hija ormai sorvolata. Illi r-raguni li ta ghaliex ma qabadx u ha l-iscammel lura kien ghaliex ma setghax ghaliex il-vettura kienet zarmata. Illi t-Tribunal ihoss li ghandu jemmen lill-konvenut specjalment in vista tax-xhieda (huh u tal-ex lavrant tieghu li ma kellhomx interess).

Minkejja l-fatt illi *invoice* skont il-ligi ma gietx prezentata dan it-Tribunal ihoss illi huwa ekwu u gust illi-bniedem ghandu jithallas ghax-xoghol kollu tieghu inkluz l-ispejjez u dan anke skont ma tghid il-ligi stess fl-Artikolu 1640 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Meqjus dak kollu kunsidrat hawn fuq u anke b'sens ta' ekwita' it-Tribunal jiddeciedi billi, jilqa' t-talba in parte kontra l-konvenut Paul Cutajar fl-ammont ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2,500) ghas-saldu ta' kull pretensjoni bl-imghax mil-lum sal-jum tal-pagament effettiv.

L-ispejjes jithallsu kollha mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------